MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 586/2003

**Marianne Panzavecchia bhala legittima rappresentanti ta’ bintha minuri Lorna Panzavecchia**

**vs**

**Marco Panzavecchia**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Marco Panzavecchia fl-10 ta’ Gunju, 2003, li in forza tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi l-intimata rnexxielha tohrog mandat t a’ sekwestru fl-ismijiet premessi numru 853/03 fl-ammont ta’ LM420 kontra l-esponent;

2. Illi l-ewwelnett jinghad li dan il-mandat huwa rritwali u null stante li messu nhareg quddiem Qrati Inferjuri;

3. Illi dan il-mandat ta' sekwestru inhareg fuq premessi hziena u kreditu mhux dovut u dan peress illi skond il-klawsola numru erba' (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-3 ta' Marzu, 1998, il-manteniment ma baqax aktar dovut;

4. Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevoka u tikkancella l-mandat ta' sekwestru numru 853/03 fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilh xierqa u opportuni;

Rat ir-Risposta pprezentata minn Marianne Panzavecchia fit-8 ta' Lulju, 2003, fejn ecceppiet:

1. Illi hi kienet kostretta taghmel l-imsemmi mandat ezekuttiv ghall-manteniment ta' binthom minuri stante li ghall-ahhar seba' xhur missier il-minuri Marco Panzavecchia ma tax manteniment lil bintu minuri u halliha fil-bzonn;

2. Illi m'huwiex minnu dak li jinghad fir-rikors li Marco Panzavecchia jaqla' cirka Lm330 fix-xahar;

3. Illi l-verita' hi li huwa impjegat mal-Water Services Corporation u jaqla' Lm5,546 fis-sena, u cioe' LM462 fix-xahar kif jattesta d-dokument hawn anness rilaxxat mill-Payroll tal-Corporation (Dok A);

4. Illi dan juri li r-rikorrent Marco Panzavecchia ghandu mezzi bizzejjed biex ihallas il-manteniment ta' bintu minuri, kif intrabat bil-kuntratt tas-separazzjoni personali, u jibqaghlu bizzejjed mezzi biex jghix komodament;

5. Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li topponi t-talbiet kontenuti fir-rikors, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad dawk it-talbiet tar-rikorrent u tikkonferma il-mandat ta' sekwestru;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet konjugi Panzavecchia huma legalment separati minn xulxin u dana b'kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat minn Nutar Dottor Carmel Gafa' fit-3 ta' Marzu,1998. Il-koppja Panzavecchia ghandha zewgt itfal, Alexia u Lorna, li dak iz-zmien kellhom tlettax-il sena u ghaxar snin rispettivament. Fuq il-kuntratt il-konjugi Panzavecchia ddikjaraw li huma kienu ddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin, pero', ir-rikorrenti Marco Panzavecchia obbliga ruhu li jhallas lill-martu s-somma ta' Lm140 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewgt ulied minuri flimkien. Fl-istess klawsola relattiva, dik bin-numru 4, jinghad li "*L-imsemmi manteniment ghandu jieqaf hekk kif xi wahda mill-ulied minuri issir maggorenni jew tibda tahdem liema minn dawn tigi l-ewwel.*"

It-tifla Alexia ghalqet it-18-il sena fis-7 ta' Dicembru, 2002, u minn dak iz-zmien ir-rikorrenti waqaf ihallas manteniment. L-intimati Marianne Panzavecchia irragunat li la darba Alexia biss saret maggorenni, huwa l-manteniment dovut ghaliha biss li kellu jieqaf, izda dak dovut ghall-minuri Lorna ghandu jitkompla sa ma' din taghlaq it-18-il sena. Hi tghid li klawsola 4 hekk biss tista' tigi interpretata ghax altrimenti jkun kontra l-ligi li omm tirrinunzja ghall-manteniment ghal bintha minuri. Hi, ghalhekk, talbet u ottejniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv (numru 853/03) sabiex tissekwestra s-somma ta' LM420 dovuta bhala manteniment ghal Lorna ghas-sitt xhur minn Dicembru 2002 sa Mejju, 2003.

Ir-rikorrent qed jikkontesta din l-interpretazzjoni u qed jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-kontenut tal-kuntratt tat-3 ta' Marzu, 1998, partikolarment il-klawsola 4, u ma tistax tasal biex tikkondividi l-veduta tal-intimata dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil dik il-klawsola. Dak li tallega l-intimata (li l-manteniment jieqaf proporzjonalment ma' kull minuri li tilhaq l-eta' taghha) mhux rifless f'dik il-klawsola. L-ewwel nett, il-manteniment ma giex iffissat b'tant ghal kull minuri, izda giet iffissata somma wahda globali ghaz-zewg ulied "flimkien". L-ahhar parti tal-klawsola, imbaghad, ma tghidx li l-manteniment riferibbilment ghal kull minuri jispicca hekk kif l-ulied jilhqu l-eta' taghhom, izda tghid li l-"<u>imsemmi</u> manteniment", jigifieri s-somma globali ta' Lm140, ghandu jieqaf "hekk kif <u>xi wahda</u> mill-ulied minuri ssir maggorenni". Din il-frazi hi cara u ma thalli ebda lok ghall-interpretazzjoni. Hekk kif <u>wahda</u> mill-ulied issir maggorenni jew tibda tahdem, l-imsemmi manteniment jieqaf. Il-kliem "xi wahda" jindikaw li ghalkemm kien ovvju min mill-ulied kien se jsir maggorenni l-ewwel, ma setghax jinghad min minnhom kien ser jibda jahdem l-ewwel, u seta' kien il-kaz li z-zghira tibda tahdem qabel ohtha l-kbira; ghalhekk, intuzat il-kelma "xi" biex jigi enfasizzat li hekk kif wahda mill-ulied tilhaq it-18-il sena jew tibda tahdem, il-manteniment imsemmi (u mhux nofsu jew xi proporzjon iehor) kellu jieqaf. Dan johrog car minn qari tal-klawsola numru erbgha' (4) in kwistjoni, u kif inhu assodat fil-gurisprudenza, meta l-kliem tal-ftehim ikunu cari, ma jkun hemm lok ta' ebda interpretazzjoni. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "<u>Navarro vs Baldacchino</u>", deciza fit-28 ta' Frar, 2003, *"Is-sens guridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub ghandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u ma ghandux jigi mibdul jew cirkuwit b'mera assunzjoni soggettiva ta' xi parti fost il-kontraenti."*

Ma hemm xejn kontra l-ligi fil-klawsola 4; kieku kien hemm, zgur li s-Sekond' Awla ta' din il-Qorti ma kienetx tapprovah kif inhu izda kienet tinsisti ghal xi bidla jew

emenda, kif gieli gara. Fuq il-kuntratt omm il-minuri ma rrinunzjatx ghall-mantenimenti ghal uliedha, izda accettat li tipprovdi ghall-manteniment hi stess wara li wahda minn uliedha issir maggorenni jew tibda tahdem. M'hemm xejn kontra l-ligi li l-partijiet jiftiehmu li l-manteniment ghall-ulied jithallas mill-missieri ghall-perjodu ta' snin, u wara jithallas mill-omm sakemm it-tfal isiru maggorenni. Fuq kollox, illum (u hekk kienet is-sitwazzjoni meta gie ffirmat il-kuntratt), il-genituri huma t-tnejn obbligati, b'responsabilita' indaqs, li jahsbu ghall-manteniment ta' uliedhom, u f'kuntest ta' separazzjoni personali, dan l-obbligu jista' jinqasam f'perjodi, kif jidher li sar f'dan il-kaz.

Jekk l-intimata thoss li hi, illum, ma tistax tfendi wahedha ghal bintha minuri, tista', forsi, titlob, b'kawza *ad hoc*, varjazzjoni tat-termini tal-kuntratt minhabba bdil fic-cirkostanzi (azzjoni li giet koncessa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Camilleri vs Kareem", deciza fit-2 ta' Novembru, 1994). Dment, pero', li t-termini tal-kuntratt ma jigux mibdula jew bi ftehim bejn il-kontraenti kif trid il-ligi, jew b'ordni tal-Qorti, l-istess kuntratt irid jigi segwit skond it-termini precizi li fuqhom qablu l-partijiet.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tirrevoka u tikkancella l-Mandat ta' Sekwestru numru 853/03.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------